# GODFREY PIROTTA

*Il-Politika ta' Ħajti*

MARIO THOMAS VASSALLO

# Introduzzjoni tal-awtur fuq il-metodoloġija

Il-fenomenu ta' kitbiet awtobijografiċi u bijografiċi f'Malta ħa spinta kbira u żied sewwa fir-ritmu f'dawn l-aħħar snin. Mhux biss qegħdin nisimgħu b'aktar nies fil-ħajja pubblika li qegħdin jiktbu t-tiġrib ta' ħajjithom, imma sar għandna djar tal-pubblikazzjonijiet li qegħdin jinvestu f'sensiliet editjati ta' ħajjiet ta' personalitajiet magħrufa. Kull ħajja ta' bniedem hija tassew ktieb magħluq li jinfetaħ beraħ hekk kif tiskopriha. Il-ħajja hija damma ta' avvenimenti, deċiżjonijiet u emozzjonijiet b'taħlita ta' aspirazzjonijiet u, xi drabi, beżgħat, li jagħġnuha u jagħtuha tifsila u tifsira. Xogħol bijografiku mhux biss ilaqqagħna mal-persuna taħt il-lenti, imma wkoll jagħtina ħjiel ġeneruż taż-żmien u l-ispazju li fih tkun għexet u dammet ġrajjietha. Bħala akkademiku fil-qasam tax-xjenza soċjali, inħoss li dan it-tip ta' moviment letterarju għandu jibqa' joktor u jissaħħaħ għax nemmen li hu bżonnjuż biex nissoktaw niskopru l-enerġija u d-dgħufija tal-umanità kollettiva u, fl-istess waqt, distintiva tagħna.

Il-kitba politika taf tieħu diversi suriet. Hawn min jikteb rumanzi soċjali fejn jesponi għadd ta' kwadretti li, għalkemm fittizji, jesponu realtajiet qarsa mill-ħajja ta' kuljum. Oħrajn jużaw l-umoriżmu u s-sarkażmu biex joffru kummentarju satiriku dwar il-logħob tattiku li jiġi moħmi fil-kurituri tal-poter. Dan biex ma nsemmux il-poeżiji ta' protesta li xi wħud minnhom jiġu mmużikati u maħruġa bħala diski, kemm fix-xena lokali, kif ukoll fis-suq internazzjonali. Forma oħra distinta, mhux inqas ewlenija f'dan il-ġeneru ta' kitba, hija l-bijografija, fejn il-protagonist jagħżel li jikteb dwar il-ġrajjiet u l-ħsibijiet li sensel tul ħajtu. Lee (2009) jispjega l-bijografija bħala forma ta' awtopsja jew ritratt ta' ruħ il-bniedem biex hekk il-qarrej jgħix bl-istess intensità dak li jkun għadda minnu l-politiku jew il-filosfu politiku. Dan il-ktieb li għandek f'idejk jaqa' f'din l-aħħar kategorija. Minbarra l-validità

tagħha bħala biċċa xogħol ta' qari maħsub biex jagħti gost lill-qarrejja, din il-bijografija tista' sservi ta' referenza għal dawk kollha li jimpenjaw ruħhom fir-riċerka, partikolarment dawk interessati fix-xjenza politika.

Il-bniedem tal-lum, bħal dari, għandu bżonn li jħares lejn eżempji 'l barra minnu biex itejjeb il-mod ta' kif jistma lilu innifsu u kif jaġixxi f'mumenti li jkunu jitolbu għaqal u kuraġġ. Fi kliem ieħor, għad għandna ħtieġa li nidentifikaw persuni li jservu ta' role models għall-bqija. Hekk, l-individwu jaf ikun ta' ispirazzjoni għall-kotra. Id-dinja kontemporanja tipprovdilna ħafna mudelli li jinfluwenzawna. Ħafna minn dawn jistrieħu fuq pjattaforma ta' fama internazzjonali u huma ġejjin minn bosta oqsma, fosthom ix-xena mużikali, il-lenti ċinematografika, l-arena sportiva, id-dinja tal-kummerċ, u l-bqija. L-impatt ta' dawn il-ftit fuq il-mases jaf ikun sinifikattiv: minn sempliċement kif wieħed jomxot xagħru sal-mod ta' kif jaħsibha u jfassal ġudizzju fuq ir-realtajiet ta' madwaru. Kull min huwa involut fil-ħajja pubblika, ikun xi jkun il-qasam li minnu ġej, għandu responsabbiltà kbira għax bi ħsibijietu u għemilu mitbugħa fi ktieb għandu potenzjal qawwi li jħalli marka fuq il-ħsibijiet u l-azzjonijiet tal-kotra. Role models sar għandna kemm trid, imma mhux bilfors li kollha kemm huma impenjati fl-influwenza favur it-tajjeb, is-sabiħ, il-ġust u, fuq kollox, dak kollu li hu veritier. L-isfortuna hija li, minkejja l-opportunitajiet kbar li għandna fl-edukazzjoni, xorta għad għandna numru kbir ta' individwi qalb il-kotra li ma jafux jiddistingwu bejn role models tajbin, oħrajn anqas tajbin u l-bqija li huma ħżiena.

Huwa f'dan il-kuntest li ddeċidejt li noħroġ għall-beraħ il-ħajja ta' Godfrey Pirotta. Professur tax-xjenza politika. Għalliem u ħassieb. Riċerkatur u kittieb. Ambaxxatur u attivist soċjali. Ħabrieki fil-volontarjat. Benefattur ta' eluf ta' studenti. Persuna li tħobb il-ħajja u tħobb in-nies. Nemmen li l-istorja ta' Godfrey Pirotta mhux biss hija mimlija, interessanti u mlewna, imma hija wkoll rilevanti għall-kotra. Rilevanti għax tħeġġeġ għal dak li verament jgħodd u li jagħti sens lill-ħajja, waqt li tbarri l-artifiċjalità u l-kożmetika, li għandhom ħabta jintossikaw il-valuri universali u awtentiċi. Lil Godfrey Pirotta ili nafu sa minn mindu dħalt fl-Università ta' Malta bħala student fi ħdan id-Dipartiment tal-Public Policy fl-1992. Ngħid id-dritt, ġibidni mill-ewwel mhux biss għax għandu ħabta li jiftakar isem l-istudenti tiegħu u

jsejħilhom b'isimhom, imma wkoll għax deher mill-ewwel li jien u sħabi ma konniex sempliċi numru quddiemu. Għalih, aħna konna individwi li konna nġorru bagalji ta' esperjenzi li hu qatt ma ġġudikahom imma dejjem bena fuqhom biex jiftħilna t-twieqi għall-għarfien u t-tħaddim tal-għerf. Bħalma ħassejtni jien, hekk ħassewhom sħabi u l-istudenti kollha li ġew qabli u li ġew warajja.

Id-destin reġa' laqqagħni ma' Godfrey meta snin wara dħalt ngħallem fl-Università ta' Malta, l-ewwel fuq bażi part-time u aktar tard bħala lettur residenti. Biż-żmien bnejna relazzjoni b'saħħitha bħala kollegi u ħbieb. Min jaf kemm-il darba kien jaqbad jirrakkonta xi episodji minn ħajtu u, minn dak li kont nisma', intbaħt kemm tassew dak li jgħid huwa rilevanti għalija. Bla ma jaf, Godfrey baqa' jgħallimni snin wara li temmejt l-istudji terzjarji tiegħi. Meta kont konvint kemm huwa rakkontatur ta' ħila u kemm ir-rakkonti tiegħu jistgħu jkunu ta' ispirazzjoni għall-bqija, ġietni l-idea li nikteb il-bijografija ta' dan il-Professur twajjeb. Ma kinitx deċiżjoni ħafifa. Xogħol bħal dan jieħu s-snin. Jinvolvi lill-widnejn daqskemm jitħaddmu l-ilsien u l-pinna. Fuq kollox jitlob il-paċenzja. Ħafna paċenzja. Imma xejn ma seta' jibda sakemm seta' jkolli l-kunsens ta' Godfrey. U biex qalli 'iva', ħa aktar minn tliet snin. Mal-kunsens infetħu l-bibien kollha biex stajna nibdew infasslu dan ix-xogħol bijografiku; xogħol li tmexxa skont metodoloġija li ddettaw it-tematika u l-istil tal-kontenut. Xogħol li nfirex fuq erba' snin biex stajt niffinalizzah.

Metodoloġikament, dan ix-xogħol ma jistrieħx fuq ordni kronoloġiku, kif normalment huma mfassla l-bijografiji, imma huwa mfassal fuq ordni tematiku. Fi kliem ieħor, it-tiġrib u l-ħsibijiet li se nsibu f'dan il-ktieb ma jsegwux il-loġika taż-żmien, fejn kollox jibda f'ġuf l-omm, jgħaddi mit-tfulija għaż-żgħożija, u minn hemm jaqbad ir-rotta għall-ħajja adulta sakemm tidħol fix-xena tal-anzjanità. Kuntrarjament għal dan l-istil konvenzjonali, il-bijografija ta' Godfrey Pirotta tinbena fuq għadd ta' valuri li fuqhom fassal il-filosofija ta' ħajtu. Mal-kunsens tiegħu biex nagħtu bidu għal dan il-proġett, kont stedint lil Godfrey biex jagħtini numru ta' prinċipji u valuri li fuqhom bena ħajtu u li mbagħad kellhom iservu biex tinbena l-ordni tematiku skont kif immanifestat mit-titli tal-kapitli. B'kollox tani tnax-il virtù u valur; kollha b'saħħithom u profondi, ilkoll imnisslin minn

dak li hu tajjeb, pożittiv u sabiħ. Kif jidher mill-grafika numru 1, kull valur huwa distint u kruċjali, b'danakollu kollha huma interdipendenti u jsibu l-milja tagħhom meta jkunu inkwadrati kollha flimkien. Fil-fatt, bħala kittieb ta' dan ix-xogħol qiegħed nippreżenta l-valur tal-*imħabba lejn il-ħajja* bħala l-fus li fuqu jduru l-bqija tal-valuri li fasslu l-kredu politiku ta' Godfrey Pirotta. Huwa għal dan il-għan li f'din il-pubblikazzjoni l-valur tal-imħabba għall-ħajja huwa miġjub l-aħħar wieħed fil-lista – għax fih jindammu l-kumplament tal-valuri. Mill-banda l-oħra, ħassejt li kelli npoġġi l-valuri tewmin tal-biża' u l-kuraġġ fl-ewwel skaluna għax, kif se tindunaw ladarba tibdew taqraw dan ix-xogħol, dawn iż-żewġ ħsus f'taqbida qalila bejniethom ikkundizzjonaw lil Godfrey minn tfulitu sa xjuħitu.

Ġaladarba Godfrey tani l-lista ta' dawn it-tnax-il valur, bdejna niltaqgħu għal sensiela ta' intervisti konverżazzjonali biex nitkixxef mingħandu x'kien ifisser għalih kull valur, kif ħaddmu f'ħajtu, u x'għażliet kellu jagħmel

**Grafika 1: Il-valuri tal-kredu politiku skont Godfrey Pirotta**




(Sors: Mario Thomas Vassallo, 2021)

biex isostnih fil-prattika. Għal kull intervista kont nagħmel ir-riċerka tiegħi, imma kont inħalli l-ispazju kollu miftuħ biex lilu nħallih jgħid, bl-inqas xkiel possibbli min-naħa tiegħi. Kull min jaf lil Godfrey jaf kemm għalih hija faċli l-kelma u kif minn ħaġa jaqbeż għal oħra bl-aktar mod naturali. Ħafna drabi xogħli kien ikun biex nerġa' nġibu jitkellem fuq it-tema magħżula għal dakinhar, partikolarment meta r-rakkonti tiegħu kienu jimirħu lil hinn minn dak miftiehem. Kont nissaħħar nisimgħu jibni l-ipotesi, jargumenta b'ħila loġika, jikkwota lil Ġwanni u lil Martin, iqanqal tifkiriet mill-imgħoddi u jikkonkludi b'konvinzjoni. Kont ninduna kemm ir-rettorika tiegħu hija mfannda fi ħsieb matur li ilu jagħġnu għexieren ta' snin sa minn mindu kien għadu ħalib ommu fi snienu. Daqstant ieħor, il-loġika li ħaddan mhux biss hija mfissra fid-dawl ta' dak li qalu l-filosfi imma hija wkoll imseddqa b'għadd ta' ġrajjiet li ġarrab tul ħajtu.

L-intervisti saru bejn Jannar 2018 u Marzu 2020. Xi drabi ltqajna fl-Università ta' Malta, u xi minn daqqiet iltqajna f'xi ħanut fejn konna nixorbu xi ħaġa ħafifa u niskru bil-kliem. Drabi oħrajn iltqajna waqt passiġġata, inkella waqt intervista fuq ir-radju; jekk mhux ukoll fuq zuntier jew faċċata ta' Filfla. Ebda intervista ma kienet iqsar minn sagħtejn u xi drabi laħqet ukoll mat-tliet sigħat. Kont nirrekordjahom kollha u, imbagħad, fil-kwiet ta' dari kont nibda nikteb it-traskrizzjonijiet. Kull min ħakk ma' dan ix-xogħol jaf kemm trid ħin u sabar. Kemm trid tkun metikoluż. Minn hemm setgħet tiskatta t-tieni fażi ta' riċerka min-naħa tiegħi. Wara li kont inkun għamilt it-tiftix tiegħi biex insensel il-mistoqsijiet għal kull intervista, issa kont nirriċerka fuq dak li jkun qalli Godfrey. Jekk semma xi ġrajjiet u dati, infittex fuqhom għall-merti ta' korrettezza. Jekk semma xi filosfi kbar, kont nirriċerkahom biex fil-kitba ndaħħal xi ideat minn tagħhom. B'dan il-mod stajt inseddaq dak li qalli billi daħħalt għadd ta' kwotazzjonijiet mix-xogħlijiet ta' dawn il-ġganti tax-xjenza politika. L-istess ħaġa għamilt kull meta ssemmiet xi istituzzjoni; kont infittex fuqha u nżid xi tagħrif biex nagħti sfond għal dak li jintqal. Ma' din ir-riċerka, l-editjar min-naħa tiegħi kien jinkludi wkoll it-tindif ta' kliem Ingliż bla ħtieġa biex minfloku ndaħħal Malti idjomatiku. Fl-aħħar mill-aħħar, kull kapitlu miktub u editjat kien jerġa' jgħaddi għand Godfrey biex jiċċertifika li hu kuntent bil-verżjoni finali. Ħafna drabi l-iskritt kien jerġa' lura għandi b'diversi bidliet, tnaqqis u

żidiet. Hekk seddaqt il-verifikazzjoni interna, li hi prinċipju fundamentali fil-metodoloġija tar-riċerka kwalitattiva.

Mal-applikazzjoni ta' dan il-metodu sistematiku, ħadt deċiżjoni bikrija fil-mod ta' kif kelli nikteb dan ix-xogħol bijografiku. Din kienet li nsenslu bil-Malti. Ridt inwassal lill-qarrejja l-espressjoni awtentika kif ħarġet minn fomm il-protagonist. Iż-żidiet, it-tindif u l-bqija tal-editjar min-naħa tiegħi sar biss biex tkun imsaħħa ċ-ċarezza tal-argumentazzjoni, filwaqt li naċċerta ruħi mill-korrettezza storika u kronoloġika tad-diversi persunaġġi, episodji u istituzzjonijiet imsemmija. Il-ħsieb jitnaqqax l-ewwel fir-ruħ tal-persuna qabel ma jitlibbes bil-kliem biex ikun ikkomunikat permezz tal-fomm jew il-pinna. U għax Godfrey huwa Malti, l-ilsien ta' ruħu huwa l-Malti. Għalkemm għallem, kiteb u ppubblika diversi xogħlijiet f'pajjiżna u lil hinn minnu bl-Ingliż, fil-fond ta' ruħu, fejn jitqanqal il-ħsieb, fejn jitnikket u jifraħ, fejn joħlom u joħloq, l-ilsien naturali tiegħu huwa l-Malti. Issa jekk dan il-ktieb huwa primarjament maħsub biex jesponi r-ruħ ta' din il-persuna, mela allura hija ħaġa minn ewl id-dinja li kellu jinkiteb bl-istess ilsien li bih titkellem ruħu. Wara kollox, il-Malti huwa għodda eċċellenti daqs kull lingwa oħra sabiex bih tesprimi kemm ir-raġuni u kemm l-emozzjoni, kemm ix-xjenza kif ukoll l-arti. Ma għandix dubju li ġaladarba taqraw dan ix-xogħol, dawk li huma xettiċi jaslu biex jaqblu ma' dak li qiegħed nistqarr.

F'din in-nota introduttorja dwar il-metodoloġija applikata ma nistax ma nagħmilx referenza għar-ritratti riprodotti fil-ktieb. Fir-riċerka, ir-ritratti jiffurmaw parti minn dik li ngħidulha evidenza viżiva. L-informazzjoni primarja mhix biss statistika, narrattiva ta' esperjenzi, u interpretazzjonijiet ta' fatti u figuri, imma taf tkun ukoll grafika fil-forma ta' illustrazzjonijiet, pjanti ta' perizja, ritratti u filmati. Ħassejt li ma stajtx nikteb fuq Godfrey Pirotta mingħajr ma nirriproduċi l-akbar numru possibbli ta' ritratti fil-kuntest tal-limitazzjonijiet li poġġieli l-istampatur. F'idejja kelli turruni ta' ritratti. Xtaqt li dehru iżjed minnhom, imma l-ktieb hu li hu. Bilfors kelli ninkludi xi ftit u nħalli ħafna barra. Minnu nnifsu r-ritratt huwa parti mill-istorja tal-bniedem u tal-pajjiż, anzi jista' jqanqal emozzjonijiet u nostalġiji ferm iżjed mid-dati u l-ġrajjiet. Għalhekk ir-ritratti f'din il-pubblikazzjoni mhumiex qegħdin hemm biex isebbħu imma biex jikkumplimentaw in-narrattiva tal-kapitli kollha.

Kif spjegajt, l-ordni ta' din il-bijografija li għandkom f'idejkom huwa tematiku u mhux kronoloġiku. B'danakollu, biex il-qarrej ikun jista' japprezza aħjar il-mixja tal-ħsieb li wasslet lil Godfrey Pirotta biex jibni l-politika ta' ħajtu, irid ikollu ħjiel ta' kif żviluppat din il-mixja fuq medda ta' sebgħin sena. Huwa għalhekk li, eżattament wara din l-introduzzjoni, ħsibt biex ninkudi tagħrif qasir – sena b'sena – dwar l-episodji ewlenin fil-ħajja ta' Godfrey Pirotta. Minn tifel b'karattru timidu li falla fis-sistema edukattiva, jieħu deċiżjoni strateġika ta' sbatax-il sena biex – waħdu u minn rajh – imur ikellem tabib ħalli jara x'se jagħmel b'ħajtu. Minn hemm jibda jinvolvi ruħu f'ħafna ħidmiet volontarji għal titjib fis-soċjetà Maltija, sakemm tiġih l-opportunità biex minn pustier jidħol għall-ewwel darba f'kulleġġ l-Ingilterra bħala student adult. Id-Diploma fl-Istudji Soċjali li segwa fi Plater College ta' Oxford fetħitlu l-bibien beraħ, tant hu hekk li eventwalment baqa' javvanza sakemm iggradwa b'baċellerat, masters u dottorat. Sadattant kien involut f'ħidma trejdunjonistika u politika kemm fil-General Workers Union kif ukoll fil-Malta Labour Party. Mument deċiżiv ieħor f'ħajtu kien meta ħa lil Rose b'martu fl-1980. Dakinhar kien ta kelma ta' mħabba dejjiema, sakemm il-mewt tifridhom, li ma reġa' lura minnha qatt. Mill-bqija, il-ħajja ta' Godfrey Pirotta tibqa' tevolvi mal-istudenti fuq il-kampus f'Tal-Qroqq; ma' organizzazzjonijiet diversi msieħba fid-dinja tal-volontarjat; fil-kampanji pubbliċi favur il-koperattivi, il-ġustizzja soċjali u kontra l-esplojtazzjoni; u f'fora akkademiċi kemm f'Malta u kemm lil hinn minnha. Għalkemm meta intervistajtu kien diġà qabeż is-sebgħin, f'Godfrey bqajt nara bniedem idealist – joħlom u jirsisti għax jemmen li għad jista' jkollna dinja aħjar – u għalhekk qiegħed nikkonkludi li dan l-intellettwali Malti baqa' ma xjaħx. Anzi, baqa' żagħżugħ b'esperjenza ta' sebgħin sena u fuqhom!

Kull kapitlu jagħmel sens fih innifsu, u għalhekk il-qarrej jista' jaqra liema wieħed irid mingħajr il-bżonn li jsegwi l-ordni li fih ġew ippubblikati. Ma għandix dubju li se tieħdu gost taqraw dan ix-xogħol daqskemm jien ħadt pjaċir niktbu.

Mario Thomas Vassallo, Marzu 2021

# Dati importanti fil-ħajja ta’ Godfrey Pirotta

| | |
|---|---|
| 1940 | Fis-7 ta’ Settembru fuq l-artal tal-Knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor f’Tas-Sliema jiżżewġu Victor Pirotta u Marianne née Grima. Kienet l-ewwel sena meta Malta bdiet tesperjenza l-qilla tal-attakki mill-ajru fit-Tieni Gwerra Dinjija. |
| 1947 | Fl-10 ta’ Novembru jitwieled Godfrey, ir-raba’ wild tal-koppja Victor u Marianne. Qablu twieldu ħutu Joe u Lino, filwaqt li oħtu Marlene mietet meta kienet għadha b’ħalib ommha fi snienha. Wara Godfrey, twieldu t-tewmin Rita u Catherine. |
| 1952-1958 | Godfrey jattendi l-iskola Primarja tal-Gvern fil-Gżira, il-lokalità fejn toqgħod familtu. |
| 1958-1965 | Jattendi s-sekondarja fis-Saint Joseph Technical School ta’ Raħal Ġdid. Jagħżel ix-xogħol fl-injam bħala s-sengħa li kellu jitgħallem, għalkemm bla ebda suċċess. |
| 1965 | Wara esperjenza diżappuntanti fl-iskola, ta’ sbatax-il sena jiddeċiedi li kellu jagħmel xi ħaġa biex joħroġ minn qoxortu, jegħleb l-isfiduċja fih innifsu u jħares ’il quddiem b’ottimiżmu. Minn rajh u waħdu jmur ikellem psikologu biex jagħtih programm ta’ kif għandu jaffronta l-ħajja. Minn dakinhar jibda joħroġ għonqu biex jagħti sehmu fil-volontarjat għat-tisħiħ tas-soċjetà Maltija. |
| 1966-1971 | Godfrey jidħol b’ruħu ġismu fil-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażagħ u jinvolvi ruħu f’diversi għaqdiet. Jibda biex jiftaħ |

u jorganizza l-Youth Centre tal-Gżira, li ftit qabel kien safa' magħluq. Beda jservi wkoll bħala Assistent Segretarju tal-Kunsill Ċiviku tal-Gżira, li tiegħu kiteb l-istatut. Kien ukoll attiv fil-Malta Youth Travel Circle (YTC) fejn okkupa l-kariga ta' teżorier, u aktar tard serva bħala Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi fil-Malta Youths Consultative Council.

1967 Bejn Ġunju u Diċembru, ikollu l-ewwel esperjenza ta' xogħol billi jidħol jaħdem ma' waħda mil-lukandi ta' Kemmuna bħala receptionist u accounts clerk.

1967-1978 F'Diċembru tal-1967 jidħol pustier mal-Posta ta' Malta. Ikun iservi fuq ir-rotta ta' Tas-Sliema u San Ġiljan. Għalkemm jibqa' fuq il-kotba tad-Dipartiment tal-Posta, wara erba' snin iħalli l-post tax-xogħol biex jitla' jistudja l-Ingilterra.

1971-1973 Wara li jirbaħ borża ta' studju jitla' fi Plater College ta' Oxford biex isegwi kors akkademiku li jwassal għal Diploma fl-Istudji Soċjali. B'mod partikolari, jistudja l-Ekonomija, il-Politika u s-Soċjoloġija.

1974-1976 Isegwi kors fl-Università ta' Reading, l-Ingilterra, li jwassal għal Baċellerat bl-Unuri fil-Politika u r-Relazzjonijiet Internazzjonali. Tul il-kors jagħmel xogħol ta' riċerka fuq erba' temi maġġuri:

- studju komparattiv fuq l-iżvilupp tal-partiti politiċi fl-Afrika;
- it-trejdunjoniżmu fil-kuntest tal-kolonizzazzjoni;
- il-kritika ta' Platun għad-demokrazija; u
- il-kunċett tax-xogħol kif ittrattat minn Georg Friedrich Hegel u Karl Marx.

| | |
|---|---|
| 1977-1978 | Lura Malta, jimpenja ruħu għall-kors fil-Polytechnic tal-Imsida biex ikollu l-kwalifika ta' Għalliem fl-Istorja u x-Xjenzi Soċjali permezz ta' Post-Graduate Certificate in Education. |
| 1978-1981 | Wara li kiseb il-kwalifika ta' Għalliem jidħol jgħallem għall-ewwel darba fl-Iskola Primarja ta' Santa Venera u aktar tard fil-Liċeo Mikiel Anton Vassalli f'Tal-Ħandaq. Jibda jgħallem l-Ekonomija u l-Istudji Soċjali. |
| 1978-1981 | Membru fl-Eżekuttiv tal-Malta Labour Party.<br>Matul dawn is-snin u għal diversi snin qabel, ikun involut fil-ħidma trejdunjonistika u ġurnalistika fi ħdan il-General Workers' Union. |
| 1980 | Fid-19 ta' Lulju 1980 jiżżewweġ lil Rose fil-Knisja Parrokkjali ta' Gwardamanġa, iddedikata lill-Madonna ta' Fatima. |
| 1982- | Jidħol bħala assistent lettur fl-Università ta' Malta wara li jkun diġà akkwista ċerta esperjenza fuq bażi part-time. Ikun assenjat mad-Dipartiment tal-Amministrazzjoni Pubblika fi ħdan il-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy. Matul il-karriera tiegħu jgħallem diversi suġġetti marbutin mal-filosofija politika, il-politika tal-iżvilupp, l-istituzzjonijiet governattivi, il-politika soċjali u l-amministrazzjoni pubblika. |
| 1983-1985 | Imsieħeb minn martu Rose jitla' għal darba oħra l-Ingilterra biex jistudja f'livell ta' Masters fl-Università ta' Bath. Ix-xogħol aħħari ta' riċerka li wasslu għall-kisba ta' M.A. (Public Policy) kien jikkonċerna t-tfassil tal-politika (policy) f'Malta. |

| | |
|---|---|
| 1985 | Fl-14 ta' Lulju 1985 imut missieru Victor fl-età ta' 69 sena wara marda terminali. |
| 1986-1991 | Għal darba oħra jerħilha lejn Bath, fl-Ingilterra, ma' martu Rose, din id-darba biex jistudja għad-dottorat taħt is-superviżjoni tal-Prof. Rudolf Klein. Jibbaża r-riċerka tal-PhD fuq l-istorja tas-servizz pubbliku Malti mill-miġja tal-Ingliżi f'Malta sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Jikkonsulta ruħu ma' patafjuni ta' dokumenti fi tliet ċentri ewlenin: (i) l-Arkivju ta' Londra, (ii) ir-Royal Commonwealth Society, u (iii) l-Arkivju Nazzjonali ta' Malta. |
| 1993-1994 | Editur tal-Kamra tal-Aħbarijiet ta' Radju MAS, l-istazzjon radjufoniku tal-Moviment Azzjoni Soċjali li kien ixandar mill-Belt Valletta. |
| 1998 | Fix-xahar ta' April tmut ommu Marianne fl-età ta' 85 sena. |
| 2001-2009 | Jilħaq Kap tad-Dipartiment tal-Public Policy fi ħdan il-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy fi ħdan l-Università ta' Malta. Taħt it-tmexxija tiegħu, id-Dipartiment iniedi kors fil-Public Policy f'livell ta' Masters u jsaħħaħ ieħor fl-istudji politiċi f'livell ta' Diploma. Ikun hu li joħloq il-motto tad-Dipartiment 'We make leaders out of ordinary people' li għadu jintuża sal-lum. |
| 2006 | Jippubblika ma' Mireva Publications it-teżi tad-Dottorat fi ktieb bl-isem, *The Maltese Public Service 1800-1940: The Administrative Politics of a Micro-State*. Din il-pubblikazzjoni tkun mitbugħa taħt l-awspiċi tal-Uffiċċju tal-Ispeaker b'riżoluzzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti. |

2008-2016 Jilħaq Direttur għall-Istitut tal-Management u l-Amministrazzjoni Pubblika fi ħdan l-Università ta' Malta. Dan l-Istitut hu speċifikament imwaqqaf biex iħarreġ uffiċjali pubbliċi u hekk jikkontribwixxi b'mod aktar strateġiku fit-tmexxija tas-Servizz Pubbliku. Taħt it-tmexxija tiegħu jkun imniedi kors ġdid li jwassal għal Higher Diploma fl-Accounts u l-Finanzi Pubbliċi.

2012 Ikun formalment appuntat Professur tax-Xjenza Politika mill-Università ta' Malta wara għadd ta' snin meqjus bħala Professur Assoċjat.

2012- Ikun appuntat bħala Senior Advisor tal-International Policy Leadership Institute, ibbażat fi Brussell u Pariġi. Dan l-Istitut jappoġġja inizjattivi ta' riċerka u djalogu fl-oqsma diversi tal-politika fl-Ewropa, il-Mediterran u l-Afrika. Permezz ta' din il-ħidma jkunu organizzati għadd ta' konferenzi internazzjonali f'Malta u lil hinn minnha f'sensiela msejħa *Mediterranen Forum of Governance*.

2013- Ikun appuntat ambaxxatur mhux residenti għal Malta fir-Repubblika Ċeka.

2014 Flimkien mal-Prof. Edward Warrington, jippubblika *Guardian of the Public Purse: A History of State Audit in Malta 1814-2014*. Din il-pubblikazzjoni tkun mitbugħa taħt l-awspiċi tal-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali.

2015- Ikun appuntat membru fuq l-Advisory Board tal-Fundazzjoni Anna Lindh. Din l-istituzzjoni intergovernattiva bbażata f'Lixandra tlaqqa' flimkien akkademiċi u esponenti tas-soċjetà ċivili bl-iskop li testendi d-djalogu u l-ftehim f'diversi oqsma tal-politika fir-reġjun tal-Mediterran.

| | |
|---|---|
| 2016 | Fit-13 ta' Diċembru jkun mogħti Ġieħ ir-Reppubblika bħala Membru tal-Ordni tal-Mertu mill-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tagħha Marie Louise Coleiro Preca. |
| 2017- | Ikun appuntat Direttur tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies fi ħdan l-Università ta' Malta. Dan iċ-ċentru akkademiku jippromovi t-tagħlim u r-riċerka akkademika fl-istudji politiċi u diplomatiċi, partikolarment dawk marbuta mar-reġjun tal-Mediterran. |
| 2018 | Ikun mogħti l-ġieħ ta' Professur Onorarju fix-Xjenza Politika u r-Relazzjonijiet Internazzjonali mill-University of National and World Economy tal-Bulgarija. |
| 2020 | Itemm il-karriera akkademika tiegħu minn mad-Dipartiment tal-Public Policy fi ħdan il-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy fl-Università ta' Malta. |